MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Appell Kriminali Numru. 127/2002/1

**Il-Pulizija**
**(Spettur K. Ellul Bonici)**
**(Spettur Michael Cassar)**

**Vs**

**Sydney Ellul Sullivan**

**Il-Qorti:**

**AKKUZI**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

F'dawn il-gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala direttur ta' Eloise Ltd:

**1.** ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerjcali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli xjentement ghamel uzu minn atti, kitba, jew skritturi foloz imsemmija hawn fuq **(Art 183 u 184 ta' kap 9).**

**2.** Iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu ippresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu il-kunsinna tal-oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att publiku tal-Gvern u cioe Entry Forms tad-Dwana li kellhom fuqhom timbri foloz u aktar talli xjentement ghamel uzu min dawn l-imsemmija dokumenti falsifikati **(Art167 u 169 ta' kap 9).**

**3.** Iffalsifika siggilli, timbri jew marki tad-Dwana, li kienu qeghdin sabiex jissiggilaw, jittimbraw jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern ta' Malta jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' proprjeta pubblika jew li kienu taht il-kustodja pubblika u aktar talli xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri jew marki tad-Dwana **(Art 172 ta' kap 9)**

4. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wara haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti imaginarji, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm106,000 bi hsara tal-Gvern ta' Malta;

5. F'isem il-Kontrollu tad-Dwana, akkuzat talli bejn Ottubru 1989 u Gunju 1991, meta huwa kien u bhala direttur tal-kumpanija Eloise Limited, importa ghalih f'dawn il-gzejjer f'diversi okkazzjonijiet, merkanzija, ta' valur globali Lm191,675.405, liema merkanzija hi soggetta ghall-ammont ta' Lm62, 171.20 bhala dazju u Lm44,432.95 bhala Levy kif jidher mill-lista annessa u bil-hsieb li jevadi id-dazju dovut u ir-restrizzjonijiet ta' importazzjoni, xjentement ghamel uzu minn dokumenti li bid-dehen tieghu kien jaf li kienu foloz f'dettall sostanzjali u b'hekk bil-qerq, warrab mill-post ta' kustodja din l-istess merkanzija qabel ma d-dazju u l-levy dovuti gew imhallsa jew kawtelati bi ksur ta' l-**Art 60 (a)(k) u l-Art 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(l)(k) u (m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana kap 37 u l-Att XXXI tal-1989**, liema reati baqghu jippersistu tul iz-zmien kollu imsemmi;

6. F'isem id-Direttur tal-industrija, talli bejn Ottubru 1989 u Gunju 1991, meta huwa kien u bhala direttur tal-Kumpanija Eloise Ltd, importa ghalih f'dawn il-gzejjer, f'diversi okkazzjonijiet, merkanzija ta' valur globali ta' Lm190.678.475, liema merkanzija hi soggetta ghal ammont ta' Lm44,432.95, bhala levy kif jidher mill-lista annessa u bil-hsieb li jevadi il-levy dovuta u ir-restrizzjonijiet ta' importazzjoni, xjentement ghamel uzu minn dokumenti li bid-dehen tieghu kien jaf li kienu foloz f'dettal sostanzjali u b'hekk bil-qerq, warrab mill-post ta' kustodja din l-istess merkanzija qabel ma l-levy dovuta giet imhallas jew kawtelata bi ksur tal-artikolu **62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(l)(k)(m) ta' l-Ordinanza tad-Dwana kap 37 u l-artikolu 7(1) u 12(l) ta' l-Att XXXI ta' l-1989** dwar il-promozzjoni ta' prodotti lokali, liema vesti baqghu jippersistu tul iz-zmien kollu msemmi.

**Kunsens ta' l-Avukat Generali**

Illi fl-10 ta' Lulju, 1997, l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu skond il-ligi biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (ara fol 763) u fit-23 ta` Lulju, 1997 l-imputat/appellat iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal dan. (fol 765).

**Fin-nota tieghu l-Avukat Generali** baghat l-artikoli imsemmija a fol 763. Huma dawn l-artikoli li jorbtu. Il-fatt li certi reati imsemmija fl-akkuza ma gewx indikati fin-nota tal-Avukat Generali jfisser li dan ghandu jkollu effett daqs li kieku kien hemm nolle prosequi da parti tal-Avukat Generali fuq dawk l-akkuzi. (ara sentenzi A.K. Pul vs J Sultana 31/7/74; App Krim Pul vs S Galea 3/9/74 u App.Krim Pul vs E.Cassar et 21/6/86.)

L-artikoli li baghat l-Avukat Generali huma dawn:

Artikoli 18, 183 u 184 tal-Kodici Kriminali;
Artikoli 18 u 172 tal-Kodici Kriminali;
Artikoli 18 u 308 tal-Kodici Kriminali';
Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 60(a)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(I)(K)(m) tal-Kap 37;
Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(I) tal-Kap 37, u l-artikolu 7(1), 12(1) tal-Kap 336;
Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati**

Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti rrilevat Illi mill-kumpless tax-xhieda prodotti quddiemha rrizulta inkontestat:

1. Illi l-longroom ma kenitx accessibbli ghall-pubbliku.
2. Illi l-kaxxieri kienu jinbidlu spiss u jiffirmaw permess ta' initials biss
3. Illi l-prova ta' hlas kienet timbru ta' "received payment".
4. Illi hafna mil-kaxxieri kienu jaghmluha wkoll ta' "releasing officer".
5. Illi l-ammont ta' dazju dovut fuq l-entry forms ta' Eloise ma jidhrux registrati fuq il-cashbooks tad-Dwana;
6. Illi hlief ghal zewg entry forms, l-entry forms kollha jgibu d-data sussegwenti ghal 20 ta' Marzu 1990. Dan jfisser illi l-entry forms kienu gew regolarment registrati u pprocessati u baqghu fil-kustodja tad-Dwana sakemm gie stampat it-timbru "received payment" mill-cash office. Skond il-proceduri adoperati dak iz-zmien suppost li malli jigu registrati l-entry forms jibqghu f'idejn l-

amministrazzjoni sabiex jsir il-hlas u ma jghaddux f'idejn l-importatur.
7. Illi mill-ledgers tal-kumpanija tal-imputat ma jidhirx il-hlas ta' dazju/levies relattivi ghal entry forms.

Illi f'kuntrast ghal fuq espost pero hemm erbgha fatturi:

1. Illi l-ezamijiet tat-timbri saru ma esperti ex parte u mhux fi hdan inkjesta Magisterjali. Illi l-esperti Forensici Germanizi, Manfred Hecker  u Henz Grerhame fix-xhieda taghhom fol 629-638 kkonfermaw illi t-timbri fuq l-entry forms ta' Eloise Limited ma kienx saru permezz tat-timbri ufficjali tad-Dipartiment izda permezz ta' timbri foloz, pero ghar-rigward tal-firem, ma kienx hemm esitu konklusiv stante illi hemm saru permezz ta' inizjali u mhux firem.

2. Illi t-timbri tad-Dwana uzati mill-kaxxiera ma kienux tenuti taht sistema ta' sikurezza kif jehtieg; ma kienx allokati ghal kaxxiera specifici u ma kienux mahzunin kif jmiss stante li kullhadd kien jaf fejn jinzammu c-cwievet tas-sejf.

3. Illi s-sistema kollha mill-presentazzjoni tal-Entry forms - sal-hlas kienet wahda laxka u minghajr accountability f'kull stadju tal-processar.

4. Din is-sistema illum inbiddlet radikalment.

**Il-Qorti tal-Magistrati imbaghad Ikkunsidrat:-**

Illi fil-kawza Pulizija vs Emanuel Seisun deciza Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Jannar 1998, gie kkonfermat illi "il-provi indizzjarji hafna drabi, huma aktar importanti mill-provi diretti", pero dawn "jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta li huma univoci:

"Circumstantial evidence is receivable in criminal as well as in civil cases, and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than the latter; for, in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye-witnesses or by conclusive documents is much more

rare than in civil cases, and where such testimony is not available the jury are permitted to infer from the facts proved, other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. "

"It must always be narrowly examined if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference" per Lord Normand in Teper vs R (1952) AC 480 at 489, PC (Archibold 1997 para 10-13).

Illi din il-Qorti issib illi ma hemm ebda nexus bejn il-falsifikazzjoni tat-timbri u l-imputat . Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-imputat b'xi mod ordna jew immanifattura jew xtara xi timbri  u li dawn l-istess timbri kienu dawk illi intuzaw biex jigi stampat fuqhom il-"received payment".

L-anqas ma gabet ebda prova illi l-imputat qabbad lill-persuna ohra sabiex jaghmel dan. . Inoltre ma jesisti ebda nexus criminis bejn  l-imputat u il-fattur tan-nuqqas tar-registrazzjoni tal-flus fil-cash books tad-Dwana.

Illi l-konkluzzjoni illi ghaliha wasal l-ufficjal prosekutur fin-nota tieghu a fol 872:

"Dan ifisser ma seta kien hemm hadd involut ghajr il-kaxxieri. Ifisser wkoll illi l-kaxxieri kollha kienu allura qed juzaw it-timbru il-falz meta kienu qed jaqdu lilu; u li kienu kollha komplici kontra tieghu, bil-kaxxieri il-godda b'kollox hekk kif jibdew jahdmu ta' kaxxieri id-Dwana",

mhijiex konfortata bil-provi kif rikjest bil-kamp kriminali u cioe fatti provati sa' livell ta' "beyond reasonable doubt".

Infatti din hija l-istess konkluzzjoni li waslet ghaliha Qorti ohra f'kawza b'fatti identici ghal dik odjerna li saret kontra d-diretturi ta' Tessons Limited u ta' J. Cachia Caruana

Limited (ara decizjoni Pul vs Andrew Ellul Sullivan et deciza fid-9 t'April 2001).

Madanakollu din il-Qorti temmen illi il-prosekuzzjoni lahqet tipprova il-kawza sal-livell probatorju ta' "on a balance of probabilities". Dan qieghed jinghad il-ghaliex apparti ix-xhieda kollha illi gabet il-prosekuzzjoni hemm il-fattur ewlieni bil-prova tar-relazzjoni ta' l-Accountant Raphael Aloisio illi ebda mill-flejjes (u hawnhekk qed nitkellmu il-fuq minn mitt elf lira maltin) ma jidhru fl-accounting ledgers tal-kumpanija Eloise, bhala flejjes illi gew sbursjati fuq id-Dwana ta' Malta, mentri entries ta' importanza minima gew imnizzla sodisfacentement.

L-ewwel Qorti imbaghad ghaddiet biex sabet lill-imputat mhux hati u illiberatu.

**APPELL**

L-Avukat Generali appella minn dina s-sentenza.

**Aggravji ta' l-appellant Avukat Generali**

L-appellant ghandu bazikament sitt aggravji.

Illi l-aggravji ta' l-appellant jikkonsistu filli qed jissottometti li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament legalment zbaljat u manifestament irragjonevoli tal-fatti tal-kaz, kif ukoll applikazzjoni inkorretta tal-ligi in materja.

(1) L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-artikolu 77 tal-Kap 37 ta' l-Ordinanza tad-Dwana li jitkellem dwar il-piz tal-prova f'kaz ta' kuntrabandu. L-appellant qed jissottometti li legalment l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 77 ta` l-Ordinanza tad-Dwana.

Illi a tenur ta` dan l-artikolu, meta fi procediment taht l-Ordinanza tad-Dwana tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggett partikolari kienx gie mhallas, il-prova ta` dan taqa' fuq l-imputat. Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel

hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm ‘l quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat. Skond l-appellant mill mument li l-prosekuzzjoni taghmel tali prova, ikun jispetta lill-imputat li jaghmel l-prova, imqar fuq bazi ta` probabilta’, li d-dazju kien thallas regolarment. Skond l-appellant minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li saret din il-prova mill appellat. Infatti jekk wiehed jara s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, wiehed jinduna li dan l-artikolu gie njorat ghal kollox u lanqas biss jissemma fis-sentenza u l-Qorti lliberat lill-appellat proprju minhabba l-fatt li, skond hi, l-prosekuzzjoni ma lahqietx il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp penali. L-appellant jirritjeni li f’dan il-kaz il-prosekuzzjoni marret hafna oltre dak li legalment kien mistenni minnha u ppruvat effettivament li d-dazju ma kienx thallas. Ghalhekk biss, minghajr pregudizzju ghall-aggravji li jissemmew iktar `l quddiem, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha ssib htija fl-imputat appellat.

(2) Fit-tieni aggravju l-appellant jissottometti li anke l-ewwel Qorti ikkoncediet li l-prosekuzzjoni lahqet il-grad tal-probabilita’ (ara fol 927) u ghalhekk isegwi li meta zewg versjonijiet ikunu diametrikament opposti ghal xulxin, dawn qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Dawn jistghu jkunu jew it-tnejn possibbli, jew versjoni wahda tkun possibbli izda l-ohra tkun aktar probabbli izda zewg versjonijiet konfliggenti qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Ghalhekk jekk l-ewwel Qorti kkoncediet li l-prosekuzzjoni lahqet tipprova l-kawza sal-livell probatorju cjoe “on a balance of probabilities”, dana iffisser li tacitament il-Qorti qed tghid li l-imputat ma lahaqx l-istess grad ta` prova kif rikjest minnu skond l-artikolu 77 tal-Kap. 37. Ghalhekk, l-unika triq li kellha l-Qorti kienet li ssib lill-imputat hati tar-reati addebitati lilu a bazi tal-provi li gabet il-prosekuzzjoni.

(3) Illi t-tielet aggravju ta’ l-appellant hu dwar l-apprezzament ta’ provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Hu jirritjeni li anke li kieku ghall-grazzja ta` l-argument wiehed kellu jinjora l-ezistenza ta` l-artikolu 77 imsemmi, kif effettivament sar f`dan il-kaz, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament difettuz u rragjonevoli tal-provi. Fi kliem iehor, minn dak li jirrizulta mill-atti processwali, l-ewwel

Qorti qatt ma setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha billi kien hemm provi bizzejjed biex il-prosekuzzjoni tasal sal grad rikjest mill ligi fil-kamp penali cjoe li ma jhallu ebda dubbju dettat mir-raguni.

(4) Illi r-raba' aggravju ta` l-appellant hu li fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti hemm mankanza ta` konsiderazzjoni ta` fatti importanti u rilevanti. L-ewwel Qorti qalet li l-maggor parti ta' l-entry forms, hlief ghal zewg entry forms, igiebu d-data sussegwenti ghal 20 ta' Marzu 1990, cjoe meta nbiddlet il-procedura. Anke li wiehed kellu jemmen li dawn l-entry forms qatt ma gew f'idejn l-appellat, il-Qorti ma setghetx tinjora dawn iz-zewg entry forms ta qabel l- 20 ta' Marzu, 1990 meta dawn kienu jkunu f'idejn l-appellat. L-ammont globali ta' dazju u levy dovuti f'dawk iz-zewg entry forms kien ta' izjed minn Lm4,000.

(5) Il-hames aggravju hu li l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, jidher li assummiet li l-unici provi migjuba mill-prosekuzzjoni kienu semplicement provi indizzjarji. Il-Qorti ghamlet enfazi li kien hemm *co-existence of circumstances which would weaken or destroy the inference*, tal-provi indizzjarji li gabet il-prosekuzzjoni. Fir-realta', skond l-appellant, dan ma hux il-kaz, billi saret prova diretta li d-dazju u l-levy ma kienx jirrizulta mill-cash books tad-Dwana; saret prova diretta li minn imkien ma irrizulta, lanqas mill-kotba ta` l-imputat (imqar fuq bazi ta` probabilita') li d-dazju kien thallas; u saret prova diretta li n-numri tat-timbri kienu dupplikati fis-sens li kienu jirreferu ghal hlas ta` dazju li sar minn importaturi ohrajn fuq merkanziji ohrajn, liema hlasijiet irrizultaw mill-cash books tad-Dwana. Inoltre l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatt li l-appellat gie akkuzat b'numru kbir ta` reati, bil-konsegwenza li kieku, ghall-grazzja ta` l-argument, il-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova certa reati sal-grad rikjest fil-kamp penali, dan ma jfissirx necessarjament li ma lahqitx dak il-grad fir-rigward ta' reati ohra.

L-ahhar parti tal-hames aggravju tirrigwardja l-importanza li nghatat mil l-ewwel Qorti lill sentenza l-ohra fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et." moghtija mill-Qorti tal-

Magistrati diversament presjeduta fid-9 ta` April, 2001 u sussegwentement deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali L-appellant isostni li m`huwiex korrett li Qorti ssib konfort f`sentenza li l-fatti taghha ma tkunx ezaminathom hi. Kull kaz ghandu jigi deciz skond il-fattispecji u c-cirkostanzi tieghu u independentement minn dak li jista` jigi deciz f`kazijiet ohra, multo magis meta dawn il-kazijiet jkunu gew decizi minn qrati ohra.

(6) Is-sitt u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-mod kif gew skartati certi provi u dan b’riferenza ghaz-zewg xhieda Germanizi li gew mqabbda mid-Dwana, biex jiehdu transparencies kemm ta’ l-invoices fl-ismijiet tal-kumpanija Eloise Ltd kif ukoll tat-timbri kollha tad-dwana li kienu jintuzaw fil-perjodu inkriminat. Kull ma ghamlu dawn l-esperti kien kostatazzjoni ta’ fatt izda l-ewwel Qorti skartat ghal kollox bhala inammissibbli ix-xiehda taghhom stante li kienu semplicement esperti 'ex parte'.

L-appellant jaqbel li dik il-parti tax-xiehda ta` l-esperti fejn esprimew opinjoni li t-timbri fuq l-entry forms ta` l-Eloise Limited kienu foloz kellha necessarjament u legalment tigi mwarrba u skartata, pero’, il-Qorti setghet ictu oculi tikkonstata li t-timbri msemmija kienu foloz. Kull ma kellha taghmel il-Qorti kien li taqbad it-transparencies, taghmel ma xulxin it-timbru tad-dwana u t-transparancies tat-timbru ta’ l-invoice, biex tara kif dawn it-timbri kienu foloz. Il-kostatazzjoni li ghamlu l-esperti setghet taghmlu l-Qorti.

## Risposta ta’ l-appellat

L-appellat isostni li quddiem l-ewwel Qorti fis-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub, il-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda accent ghal l-artikolu 77 tal-Ligi tad-Dwana u ghalhekk mhux sew illi l-ewwel il-prosekuzzjoni ma taghmilx certa sottomissjoni quddiem l-ewwel Qorti imbaghad tistenna li meta jsir l-appell taghmel dina s-sottomissjoni u tikritika lil l-ewwel Qorti ghax ma haditiex in konsiderazzjoni.

L-appellat ighid li hu gie akkuzat fuq sitt imputazzjonijiet; l-ewwel erba jaqghu taht il-Kodici Kriminali u ghalhekk

mhiex applikabbli l-presunzjoni taht l-artikolu 77 tad Dwana, mentri fil-hames u sitt akkuzi l-ohra, japplika l-artikolu 77. Skond l-appellat il-prosekuzzjoni tefghet kollox f'keffa wahda. Inoltre anke fir-rigward tal hames u sitt imputazzjonijiet, l-appellat isostni li l-appellant mhux biss irid jipprova li ma thallasx id-dazju izda jrid jipprova li l-appellat agixxa xjentement. Ghalkemm huwa veru dak li jghid l-appellant li l-import tal-artikolu 77 huwa illi jekk tqum kwistjoni jekk dazju thallasx jew le, ghandek l-ispostament tal-oneru tal-prova, pero f'dawn il-kazijiet fejn hi rikjesta x-xjenza, il-prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement. Ghalhekk meta c-cirkustanzi juru li l-imputat kellu ghaliex ragjonevolment jahseb li d-dazju ma kienx thallas, allura l-prosekuzzjoni trid taghmel il-prova tax-xjenza.

L-appellat jirritjeni li hu fl-isfond ta' x'kienet il-procedura, u x'kienu r-regolamenti li d-dwana kienet issegwi dwar gbir ta' dazju, li wiehed irid jara x'tiffiser li tghid li saret il-prova li dazju ma kienx thallas. Qabel Marzu 1990 jekk importatur ried jimporta xi haga, hu kien irid jipprezenta d-dokumentazzjoni f'dipartiment tad-dwana, minn hemm hekk jghaddi l-karti biex jigu timbrati u registrati u jinghata numru. Minn dak id-dipartiment jghaddi fil-Long Room. Imbaghad l-importatur jiehu d-dokumenti f'idu u jmur biex ihallas lill kaxxier**.**

Skond l-appellat it-timbri kienu jigru f'idejn kullhadd u dawn ma kienux abbinati ma persuna partikolari imma kienu jintuzaw *indiscriminately*. Ic-cavetta kienet tkun ghand kullhadd. Skond l-appellat d-Dwana kienet thalli lill istess kaxxiera jaghmlu ukoll xoghol ta' releasing officers u dina l-procedura kienet taghti lok ghall abbuz ghaliex kienet tippermetti lill-istess kaxxier li jircievi l-flus li kull ma jrid jaghmel kien timbru bl-inizjali tieghu u lanqas ma kellu ghalfejn idahlu fil-cash book imma jmur bl'istess dokument biex jirrilaxxa l-merkanzija. Imbaghad f'Marzu, 1990 id-Dwana stess bdiet tissuspetta li kienu qed isiru timbri foloz u biddlet il-procedura parzjalment. Wara Marzu 1990 importatur ma setghax imur iktar ghad dokumenti hu, billi kien hemm persuna mill-amministrazjzoni li kienet tehodhom hija ghand il-kaxxier.

Fil-kaz in ezami l-entries  kollha hlief tnejn huma datati wara Marzu, 1990 u ghalhekk l-appellat ma kellux access ghad-dokumenti hlief wara li jigu ttimbrati Received Payment mill-kaxxier u moghtija lura lilu.

Il-prosekuzzjoni qed tallega illi kien l-appellat li  kellu timbru falz,  u kien l-appelat li jaf li qed juza dokument bit-timbru falz. L-appellat jirritjeni li d-Dwana mhux biss kellha proceduri u regoli fallaci izda minn wara Marzu 1990 eskudew li setgha kien l-imputat li ffalsifika d-dokumenti.

L-appellat jikkonkludi  li ma saritx prova li kien hu li ffalsifika; li uza timbri foloz u  li kkommetta frodi.

**FATTI**

Illi l-fatti li taw lok ghal dina l-kawza  fil-qosor kienu li f`Gunju ta` l-1991 ufficjali tad-Dwana kienu sabu xi entry forms tal-kumpanija Eloise Limited u xi ditti ohra illi fuqhom kien hemm it-timbri “Received Payment” meta l-pagamenti ta` dazju u levies korrispettivi ma kienux jirrizultaw mir-registri tad-Dwana. Konsegwentement saru investigazzjonijiet mill-pulizija u mill-ufficjali tad-Dwana ta` l-entries kollha ta` kull importatur f`Malta,  u rrizulta illi kien hemm diversi entry forms bit-timbru “Received Payment” fejn effettivament il-pagament ma kienx jirrizulta mill-kotba tad-Dwana. Dawn l-entry forms kienu jirreferu kollha ghall-kumpanija Eloise Ltd u  J. Cachia Caruana Limited u Tessons Limited (Id-diretturi taz -zewg kumpaniji l-ohra, li tlieta minnhom huma l-ahwa ta` l-imputat Sydney Ellul Sullivan, tressqu separatament u l-kawza taghhom illum hija deciza). Dan il-kaz jirrigwarda biss lill-kumpanija Eloise Limited li taghha l-imputat huwa uniku direttur.

**PROVI**

Xehed **l-Ispettur Martin Bayliss** li kien mexxa l-investigazzjoni f’dan il-kaz minn naha tal-Pulizija.  Huwa esebixxa d-diversi dokumenti li eleva u li gew esebiti f’dana l-process.

Gew prodotti, bhala xhieda, diversi persuni li kienu jahdmu bhala **kaxxiera** d-Dwana fil-zmien in kwistjoni u dawn ma gharfux l-inizjali fuq id-dokumenti bil-kliem: *Customs - Malta "Received payment*" bhala taghhom. Dawn il-kaxxiera kienu jinbidlu spiss u xi minn daqqiet kienu jservu wkoll bhala releasing officers. Huma spjegaw il-procedura b'dan il-mod:

Il-procedura fid-dwana bhala kaxxier fin 1991 kienet li jigi l-importatur, u ighaddi l-entry fil-long room biex issir ir-registration. Fil-long room l-entry tigi processata u sortjata skond jekk il-merkanzija tkunx ghall industrija jew ghal uzu lokali.

San 1990 l-entries kienu jinghataw lill importatur biex imur ihallas, imbaghad wara dina d-data, bdew jinzammu mid-dwana bhala safety measure. Imbaghad l-importatur kien imur jiccekkja jekk l-entry waslitx ghand il-kaxxier biex ihallas.

Dment li l-importatur kellu l-entry form f'idejh seta facilment johrog il-barra mid-dwana minghajr ma jhallas. ( Tony Savona fol 101) Qabel importatur seta jiehu l-entry form f'idejh u ma jhallasx. Illum, apparti li jkun hemm timbru, jrid ikun hemm general receipt, illi l-counterfoil taghha izommha d-Dwana u qeghdin jissinkronizzaw in-numru tat-timbru man-numru tar-receipt. (Louis Forlian fol 108)

In-number tal-general receipt jikkorrispondi man-numerator tal-boll tad-dwana, apparti minn hekk, inizzlu go registru(sheet) l-isem tal-importatur, in-numru tad-duty entry, id-duty u l-levy li jrid jithallas u t-total biex imbaghad is-sheet tmur fil-container section halli jitqassam ix-xoghol minn hemmhekk. (Mario Abela fol 112). Fis-sistema l-antika meta l-importatur kien ihallas kienu jaghmlu t-timbru u l-inizjali taghhom fuq it-timbru, izda ma kienux johorgu receipts. (Mario Abela - kaxxier foll 110).

Gew prodotti ghadd ta' **importaturi** li kkonfermaw li huma kienu hallsu id-dazju li kien jidher fl-entry forms taghhom.

Xehed **Herbert Agius** mid-Dipartiment tad-Dwana li kien ikkoordina l-investigazzjoni. Hu xehed li bdew jinvestigaw il-kaz f'Gunju 1991 u dana meta l-principal tieghu, s-Sur Pavia kien gibidlu l-attenzjoni li entries tad-ditta Eloise Ltd, ghalkemm kellhom timbru suppost tal-cashier tad-dwana, l-ammont relativ ma kienx jidher fil-cash book tad-dwana. Kienu ghamlu ricerki ta' kull impurtatur f'Malta fosthom ta' l-imputat. Kienu ghamlu kuntratt mal-pulizija u dawn kienu talbu l-ghajnuna tal-pulizija germaniza dwar investigazzjoni fuq timbri.

Fir-ricerka li ghamlu dejjem bdew hergin dokumenti konnessi mat tlett ditti, Tessons, Eloise Ltd u J.Cachia Caruana Ltd u ma sabu l-ebda ditta ohra illi entries ittimbrati, ma jitfaccawx fuq il-cash books tad-dwana.

Xehed li l-importatur jipprezenta lid-Dwana entry form bhal Dok EL1 sa EL52 u d-dokumenti relativi bhala invoices. Imbaghad jigi moghti registration number. L-entry tigi ccekkjata imbaghad ittimbrata. L-entry imbaghad tghaddi ghand il-kaxxier minn naha tal-amministrazzjoni biex tithallas. Qabel Marzu 1990 l-entry form kienet tinghata lill importatur biex imur ihallasha.

Hu pprezenta entries illi juru l-istess numru tal-kaxxier relattiv mal-entry tal-Eloise Ltd. Dawn jidhru wkoll fuq importatur iehor izda ta' dan l-importatur in-numru jidher fil-cash books tad-Dwana.

Fid-Dok EL22 id-data tal-kaxxier tidher bhala 2 ta' Dicembru 1990 meta dina d-data kienet il-Hadd u l-cash ma tiftah qatt il-Hadd. Anke it-timbru l-iswed tal-Customs huwa 2 ta' Dicembru. Fil-waqt li EL22 jidher li hemm timbru zbaljat kemm l-iswed u kemm l-ahmar ghaliex il-Hadd ma jahdmux, il-pagamenti kollha li rceviet id-dwana fil-gurnata ta' qabel u wara it-2 ta' Dicembru l-ebda dokument minnhom ma kien zbaljat ghar-rigward tar-red stamp. Fol 74.

**Raphael Aloisio,** l-espert accountant, nominat mill-ewwel Qorti, pprezenta relazzjoni u xehed li hu kien ezamina l-

cash books tad-Dwana; l-invoices ta' Eloise Ltd; u l-fatturi ta' importaturi ohra li kellhom l-istess entry number bhal tal-Kumpanija Eloise Ltd. Hu elenka l-invoices kollha li kienu ta' Eloise Ltd u tad-diversi importaturi l-ohra. Meta vverifika l-fatturi ta' l-importaturi l-ohra sab li dawn kienu registrati fuq il-cash book tad-Dwana, mentri dawk ta' Eloise Ltd, bl-istess numru, ma kienux hekk elenkati f'dawk il-cash books tad-Dwana. Infatti vis-a-vis il-fatturi ta' Eloise Ltd ma kien hemm l-ebda wiehed mill fatturi fil-cash books tad-Dwana, mentri l-dokumenti kollha l-ohra ta' terzi sabhom kollha.

Fir-relazzjoni tieghu Raphael Aloisio spjega dettaljatament l-ezercizzju li huwa ghamel. Hu qal li Appendix A a fol 737 huma l-Entry forms originali tad-ditta Eloise Ltd (Vol XV1 - EL1) Skond id-dokumenti elenkati f'Appendix A l-ammont globali li kellha thallas Eloise Ltd lid Dipartiment tad-Dwana huwa ta' LM 106,706.11

Huwa ezamina id-dok fil volum XV11 li huma l-entry forms originali ta' diversi ditti jew persuni u dawn jinsabu f'Appendix B: EL1A . Il-hlas globali dovut kien ta' LM 17,545.88.7

Minkejja l-fatt li ghandhom l-istess entry number, l-entries u l-ammonti elenkati fl-Appendicies A u B m'ghandhomx x'jaqsmu ma xulxin. (ara fol 734 para 6). Kien hemm dupplikazzjoni ta' payment receipt entry numbers.

Hu qabbel l-entries elenkati f'kull wiehed minn dawn l-appendices mal cash books tad-dwana li fihom jigu registrati l-pagamenti. Id-dipartiment juza zewg sets ta' cash books kurrenti, wiehed immarkat A u l-ohra BC. Dawn il-cash books huma distinti b'numru konsekuttivi u l-pagamenti li jitnizzlu fihom ukoll isegwu progress numeriku skond it-timbru tal-hlas.

Dan l-esercizzju wera li ebda wiehed mill-ammonti tal-payment receipts ittimbrati fuq id dokumenti XV1 (cioe tad-ditta Eloise Ltd) ma gie entrat fil-cash books, la fid-data tat-timbru u anqas f'xi data ohra.

B'kuntrast ghall dana, huwa rintracca l-hlas indikat skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files Vol XV11 fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana. Fl-appendix B ghall kull dokument hu ghamel riferenza li sab entries f'dawn il-cash books.

**Hu kkonkluda li mill-veifiki li ghamel l-hlas ta' LM 106.706.11 indikat li sar mid-ditta Eloise Ltd, skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files XV1 u elenkati fl-Appendix A in effett skond il-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana ma sarux, mentri skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files XV11 u elenkati f'Appendix B saru u gew entrati fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana.**

Xehdu wkoll **l-esperti Germanizi** li l-Dwana kienet qabbdet biex jezaminaw it-timbri u l-entry forms inkriminati.

**Manfred Hecker** li kien imqabbad f'dan il-kaz u fil-kaz l-iehor kontra Andrew Ellul Sullivan et - (ara fol 629) xehed li kien ezamina d-dokumenti HA1 sa HA47 li huma Forms u Dok HA48 sa HA64 li huma l-metal stamps. Id-dokumenti relattivi ghal kaz in ezami huma EL1 to EL52. Ezamina wkoll id-dokumenti EL111 to 112 u l-verifika l-kopji moghtija lilu mal-originali li gew murija lilu fil-Qorti (fol 631). Hu spicca biex qal li *"He could not conclude if the signatures (initials) were genuine or not because the information available in the handwriting specimen is not enough".*

L-espert Tedesk ma setax jasal ghall-konkluzzjoni illi il-firem fuq l-entry forms kienu falsifikati stante li kienu saru forma ta' inizzjali u oltre dana ghalkemm dawn l-inizzjali jidhru "vaguely the same" pero ma setax jghid konklussivament li saru minn persuna wahda.

**Grerhare Henz,** l-espert l-iehor Germaniz, ara xhieda a fol 638, ezebixxa t-transparancies tat-timbri - Dok V1 sa V17 u qal li dawn jirreferu ghat-timbri HA 48 sa HA 64. It-transparancies li jirrelataw ghad Dok EL1 sa 52 huma Dok H1 sa H17. Dawn huma enlargements tal printing tat-

timbri li huwa sab fuq id-dokumenti EL1 sa EL 52. Hu ivverifika l-originali li fuqhom hadem.

Hu sab li "When he examined the stamp prints on Dok EL1 to EL 8 and matched these with the stamp prints of the seventeen metal stamps which were given to them by the Maltese authorities, he found no perfect match. (ara fol 642). When he examined the imprints of the stamp that we found on Dok EL 9 to EL 52 and compared these with stamp prints of the seventeen metal stamps which were given to them by the Maltese authorities, there was no perfect match. There was a difference in the measurement of 1 mm". (fol 642).

Skond dan l-espert d-dokument EL1 sa EL8 kienu maghmulin minn timbru wiehed u dok EL9 sa EL52 minn timbru iehor u ikkonkluda illi f'kull dokument illi gie moghti ma kien hemm ebda "perfect match" mat-timbri illi ghaddewlu id-Dwana ta' Malta. Illi kien hemm diskrepanzi serji f'uhud minnhom .

**Fl-statement tieghu l-imputat** ikkonferma li t-52 entry forms ezibiti huma kollha fuq id-ditta Elosie Ltd, huma ffirmati minnu u kien irtira x-xoghol mid-dwana. Il-parti l-kbira ta' dawn l-entry forms kien jipprocessahom huwa u hu kien ihallas cash. Meta nbidlet il-procedura beda jhallas b'cheque. Hu ma kienx imur ghand kaxxier partikolari imma kien imur ghand min imissu. Kien ikun hemm queue u kaxxiera kien ikun minn tlieta sa hamsa.

**Fil-Qorti l-appellat** ikkonferma l-istatement li kien ghamel u dahal f'aktar dettal fuq dak li kien qal lill ufficjali investigatur. Hu spjega li kien ihallas cash billi kien negozjant zghir u ma kellux facilita li jaghmel garanzija bankarja ghax jekk jaghmel garanzija, l-bank jibblokkalu LM 2000 mill-kont. Hu dejjem ried ihaddem il-flus.

Records, bhala acounts, kien izommhom fuq il-computer u kotba barra l-computer ma jzommx. Ikkonferma li l-printouts tal-computer kienu tajbin, izda l-items li semmiet il-prosekuzzjoni ma deherux. Hu ma jafx jaqra l-kotba ta' l-accounts u kien ihalli f'idejn l-account tieghu. Hu kien

ighidlu li kien hallas entry u dan kellu jiehu hsieb li jdahhalha fil-ktieb l-ahmar. Dak iz-zmien kienu qed jaqilbu minn sistema manwali ghal-sistema tal-computer. Inzerta ukoll li dak iz-zmien l l-accountant izzewweg u mar honeymoon. L-appellat qal li setgha jaghti l-kaz li wara li nqala dana l-incident sfrattat l-operazzjoni manwali ghal fuq il-computer.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Apprezzament ta' l-ewwel Qorti**

Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, jekk din il-qorti tara li a bazi tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti hija setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Dina l-Qorti ma tirrimpjazzax dak l-apprezzament, bl-apprezzament taghha. Izda jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u l-konkluzzjoni relattiva. (ara, fost, ohrajn Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, App. Krim. 14/2/89; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace; App. Krim. 31/5/91, Il-Pulizija v. Anthony Zammit; App. Krim. 31/5/91, u Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul, App. Krim. 12/5/94; Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et" 6.6.1994; App.Krim. "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." 12.5.1994; "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra " 10.5.2002; Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Silvio Buttigieg" 16.5.2002).

**Piz tal-prova. Art 77 Kap 37.**

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-artikolu 77 tal-Kap 37 ta' l-Ordinanza tad-Dwana li jitkellem dwar il-piz tal-prova f'kaz ta' kuntrabandu. L-appellant qed jissottometti li legalment l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 77 ta` l-Ordinanza tad-Dwana. Illi, a

tenur ta` dan l-artikolu, meta fi procediment taht l-Ordinanza tad-Dwana tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggett partikolari kienx gie mhallas, il-prova ta` dan taqa’ fuq l-imputat. Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm ‘l quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat. Skond l-appellant mill mument li l-prosekuzzjoni taghmel tali prova, ikun jispetta lill-imputat li jaghmel l-prova, imqar fuq bazi ta` probabilta’, li d-dazju kien thallas regolarment. Skond l-appellant minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li saret din il-prova mill appellat. Infatti jekk wiehed jara s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, wiehed jinduna li dan l-artikolu gie njorat ghal kollox u lanqas biss jissemma fis-sentenza u l-Qorti lliberat lill-appellat proprju minhabba l-fatt li, skond hi, l-prosekuzzjoni ma lahqietx il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp penali. L-appellant jirritjeni li f’dan il-kaz il-prosekuzzjoni marret hafna oltre dak li legalment kien mistenni minnha u ppruvat effettivament li d-dazju ma kienx thallas. Ghalhekk biss, minghajr pregudizzju ghall-aggravji li jissemmew iktar `l quddiem, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha ssib htija fl-imputat appellat.

L-appellat isostni invece li quddiem l-ewwel Qorti fis-sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub, il-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda accent ghall artikolu 77 tal-Ligi tad-Dwana u ghalhekk mhux sew illi l-ewwel il-prosekuzzjoni ma taghmilx certa sottomissjoni quddiem l-ewwel Qorti imbaghad **tistenna** li meta jsir l-appell taghmel dawn is-sottomissjonijet u tikritika lil l-ewwel Qorti ghax ma hadithomx in konsiderazzjoni.

Illi jirrizulta li effettivament dan l-artikolu gie njorat ghal kollox mill l-ewwel l-Qorti, izda l-piz tal-prova kellha tkun konsiderazzjoni ewlenija li l-ewwel Qorti kellha taghmel bhala punt ta' ligi.

Dan l-artikolu jipprovvdi li:

If, in any claim in respect of any goods seized for non-payment of duties, or any other cause of forfeiture,or in any prosecution for the recovery of any pecuniary penalty or otherwise under this Ordinance, any dispute arised

whether the duties of customs have been paid in respect of such goods, or whether the same have been lawfully imported or lawfully transhipped or unshipped, or concerning the place from where such goods were brought, then and in every such case the proof thereof shall be on the person making such claim or on the defendant in such prosecution, as the case may be.

“Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta’ Marzu, 1985 , il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 , meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati , l-prova ta’ dan taqa’ fuq l-imputat .“ Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju . Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat.“

Jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, dan irid jipprovah hu. Dan japplika f’kull kaz, anke fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f’dawn il-kazijiet, izda jekk l-imputat jixtieq jallega xi difiza taht l-artikolu 77, il-prova jrid jforniha hu.

L-import ta’ l-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Joseph Said “ [26.11.1992] Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et” [31.7.1998] u fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant” [4.2.1994] fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l- prova relattiva tmiss lill-imputat. (Ara ukoll f’dan is-sens A.K. Pul vs Scire’ 21.8.65; A.K. Pul vs A. Mifsud 24.4.86 u A.K. Pul vs M.Agius 11.5.90).

Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha l-ewwel taghmel prova “prima facie”, ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, li d-dazju ma kienx thallas, imbaghad kien japplika id-dispozittiv taht l-artikolu 77 ta’ l-istess Ordinanza li jitfa’ l-oneru tal-prova li id-dazju effettivament kien thallas fuq l-appellat.

**Prova prima facie mill-prosekuzzjoni li d-dazju ma kienx thalas.**

Dwar dina l-prova gie anke koncess mill-ewwel Qorti li tali prova mill-prosekuzzjoni saret, ghalkemm, skond dika l-Qorti, l-prosekuzzjoni ma lahtiqx il-livell ta’ prova “beyond a reasonable doubt”, li pero ma kienx il-piz li kellha l-prosekuzzjoni fuqha. Il-Qorti qalet hekk:

“Madanakollu din il-Qorti temmen illi il-prosekuzzjoni lahqet tipprova il-kawza sal-livell probatorju ta' "on a balance of probabilities". Dan qieghed jinghad il-ghaliex apparti ix-xhieda kollha illi gabet il-prosekuzzjoni hemm il-fattur ewlieni bil-prova tar-relazzjoni ta' l-Accountant Raphael Aloisio illi ebda mill-flejjes (u hawnhekk qed nitkellmu il-fuq minn mitt elf lira maltin) ma jidhru fl-accounting ledgers tal-kumpanija Eloise, bhala flejjes illi gew sbursjati fuq id-Dwana ta' Malta, mentri entries ta' importanza minima gew imnizzla sodisfacentement”.

L-appellant gustament osserva li:

“meta zewg versjonijiet ikunu diametrikament opposti ghal xulxin, dawn qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Dawn jistghu jkunu jew it-tnejn possibbli, jew versjoni wahda tkun possibbli izda l-ohra tkun aktar probabbli izda zewg versjonijiet konfliggenti qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Ghalhekk jekk l-ewwel Qorti kkoncediet li l-prosekuzzjoni lahqet tipprova l-kawza sal-livell probatorju cjoe “on a balance of probabilities”, dana iffisser li tacitament il-Qorti qed tghid li l-imputat ma lahaqx l-istess grad ta` prova kif rikjest minnu skond l-artikolu 77 tal-Kap. 37”.

Il-Prosekuzzjoni gabet prova li d-dazju in kwistjoni ma thallasx. L-espert nominat minn dina l-Qorti xehed li ebda wiehed mill-ammonti tal-payment receipts ittimbrati fuq id dokumenti XV1 (cioe tad-ditta Eloise Ltd) ma gie entrat fil-cash books, la fid-data tat-timbru u anqas f’xi data ohra. B’kuntrast ghall dana, hu rrinttracca l-hlas indikat skond it-

timbri fuq id-dokumenti fil-files Vol XV11 fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana. Fl-appendix B ghall kull dokument li ghamel riferenza hu sab dawn l-entries fil-cash books.

L-espert ikkonkluda li mill-ezercizzju li ghamel, il-hlas ta' LM 106.706.11 indikat li sar mid-ditta Eloise Ltd, skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files XV1 u elenkati fl-Appendix A in effett skond il-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana ma sarux, mentri skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files XV11 u elenkati f'Appendix B saru u gew entrati fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana.

**Provi indizzjarji**

Illi l-Ewwel Qorti qalet li l-provi li gabet il-prosekuzzjoni kienu ta' natura indizjarja u li ma kienux fil-fehma taghha jwasslu necessarjament u ragonevolment ghas-sejbien ta' htija minghajr dubju ragonevoli u ma kienux univoci .

Fir-realta' saret prova diretta li d-dazju u l-levy ma kienx jirrizulta mill-cash books tad-Dwana; saret prova diretta li minn imkien ma irrizulta, lanqas mill-kotba ta` l-imputat (imqar fuq bazi ta` probabilita') li d-dazju kien thallas; u saret prova diretta li n-numri tat-timbri kienu dupplikati fis-sens li kienu jirreferu ghal hlas ta` dazju li sar minn importaturi ohrajn fuq merkanziji ohrajn, liema hlasijiet irrizultaw mill-cash books tad-Dwana.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni waslet biex ghamlet prova li s-socjeta Eloise Ltd ta' l-appellat kienet timporta f' Malta l-merkanzija w li din giet fil-pussess u kontroll ta' l-appellat. Saret ukoll il-prova “prima facie” li d-dazju fuq dil-merkanzija ma kienx thallas . Il-provi tal-prosekuzzjoni ghalhekk li fir-rigward ta' l-akkuzi taht l-Ordinanza tad-Dwana kienu univoci fis-sens li d-dazju ma kienx thallas u li l-appellat kien qed idahhal merkanzija f'Malta meta d-dazju ma kienx thallas.

**Prova ta' l-appellat li d-dazju thallas**

l-Qorti trid issa tara jekk il-provi jew sottomissjonijiet prospettati mid-difiza jwasslux ghal prova li id-dazju kien thallas , ghall-inqas fuq bazi ta’ probabbilta’.

Dina l-Qorti ezaminat akkuratament l-provi prodotti f’dana l-process u hi tal-fehma li  mhux probabbli w lanqas verosimili li dak kollu li gara f’dan il-kaz gara b’kumbinazzjoni jew b’xi zball ripetut jew maniggi ta’ xi kaxxier, li minhabba f’hekk, pagamenti li suppost saru mill-appellat, ma ddahhlux fil-cash book tad-Dwana.

Fil-perjodu qabel l-20 ta’ Marzu, 1990 setgha jigri facilment illi  bejn l-istadju ta’ l-iprocessar tal-entries tad-Dwana fil-“long room” u r-rilaxx tal-merkanzija mir-Releasing Officers, meta l-karti kienu jergghu jinghataw lura f’idejn l-importatur li  xi hadd  jaghmel timbru falz  ta’ “received payment” b’ serial number falz ( li wara rrizulta li kien intuza  fuq entries ohra genwini) u b’hekk , wara li qabez il-kaxxier , inganna lill-istess releasing officers u gieghlhom jirrilaxxjaw il-merkanzija ghalkemm id-dazju jew levies fuqha ma kienux thallsu .

Ghalkemm dan mhux suppost  baqa aktar possibbli wara l-20 ta’ Marzu, 1990 jidher pero, kif jirrizulta minn dak li gara,  li anki wara li nbidlet is-sistema  , l-imputat sab  tarf kif ikollhu l-entries f’idejh qabel ma jghaddu ghand il-kaxxiera u wara li kien isir it-timbru “received payment” falz , ikompli billi jmur ghand ir-releasing officers u jottjeni ir-rilaxx tal-merkanzija . Dan baqa’ sejjer b’mod regolari sa nofs Gunju, 1991, meta id-Dipartiment hass il-htiega li jkompli jissikka l-proceduri tieghu w introduca s-sistema li oltre t-timbru “Received Payment” tibda’ tinghata ricevuta shiha b’firma w li tinghata lista lir-Releasing Officers tal-pagamenti li jkunu saru fil-cash office tad-Dwana  biex dawn iqabbluha mad-dokumenti li jipprezentalhom l-importatur meta jmur ghandhom biex jiehdu l-merkanzija.

Jirrizulta li dan l-abbuz sar ghall xi zmien, u b’mod regolari u li l-konsenji inkriminati  kienu jirrigwardaw dejjem is-socjeta ta’ l-appellat u zewg socjetajiet ohra  socjeta’ ta’ diretturi bl-istess kunjom bhal appellat li jigu minnu. B’dan

l-abbuz l-appellat kellu interess li jaghmel dan kollu, u b'hekk jiggwadanja sew billi evadi l-hlas tad-dazju involut fuq tant partiti u li jlahhqu ammont konsiderevoli 'l fuq minn mitt elf lira Maltin.

L-appellat xehed li hu kien jipprezenta l-entries ghand il-kaxxiera, ihallas u kien dejjem jarahom jaghmlu t-timbri fuq l-entry forms li kien jipprezenta. Dan ifisser li jekk ma kienx l-appellat li baghbas fit-timbri, mela kienu l-kaxxiera.

Dwar din l-insinwazzjoni l-appellant Avukat Generali jissottometti li mhux versomili , probabbli jew possibbli li l-flus kienu verament thallsu lil diversi kaxxiera u li dawn kollha fi granet differenti u f'cirkostanzi differenti b'kumbinazzjoni approprjaw ruhom minn somom kbar lilhom imhallsa billi ma dahhluhomx fil-cash book u tefghuhom fil-but. Minn daqstant eluf ta' importaturi kien biss fil-kaz ta' l-appellat u z-zewg socjetajiet ohra li gara hekk. Skond l-appellant din l-ipotesi ma tistax tittiehed bis-serjeta' u ma kellhiex tigi accettata, kif donnha ghamlet l-Ewwel Qorti .

Dwar dan, l-appellat ma gab ebda prova li l-flus gew approprjati jew misruqa mill-impjegati tad-Dwana. Dak li gie prospettat mill-appellat mhux verosimili u probabbli u cjoe li kien hemm xi konfoffa minn xi impjegati tad-Dwana (li kienu jidbiddlu spiss u anke kien hemm nies godda kull tant zmien) li regolarment jircevu flus u jaghmlu timbru falz u b'numru barra s-sekwenza u imbaghad jitfghu il-flus fil-but. Hafna drabi dawn suppost kienu ikunu ammonti kbar ta' flus kontanti (ghax hekk kien ihallas l-appellat) u dana fejn setgha jarahom kullhadd fil-cash office. L-appellat xehed li kien ikun minn tlieta sa hames kaxxiera, kienu ikun hemm il-pulizija u queue ta' nies, u nonostante dawn in-nies kollha l-kaxxiera kienu qed jghaddijjin jiddefrawdaw lill certi importaturi partikolari u dana meta kull importatur kien jidhol wara minn imissu. Dan mhux verosimil. Jekk kien hemm dan l-abbuz mill-impjegati tad-Dwana wiehed jistaqsi ghaliex kien qed isir dan l-abbuz biss meta titfaccja l-entry ta' Eloise Ltd u taz-zewg kumpaniji l-ohra u lill-ebda importatur iehor. Hi

kumbinazzjoni li tat-terzi importaturi  nstabu li kienu thallsu mentri ta’ l-appellat ma jidhru mkien fil-kotba li thallsu.

Il-raguni u l-provi prodotti juru li ma kienx il-kaz li kien hemm xi abbuz da parti tal-kaxxiera tad-Dwana , imma ta’ xi hadd iehor li sab il-mezz kif  fil-procedura tad-Dwana jaqbez l-istadju tal-hlas tad-dazju bl-uzu ta’ timbri  li jindikaw il-hlas kien sar meta fil-fatt ma kienx u b’hekk inganna lir-releasing officers u ottjena r-rilaxx tal-merkanzija. L-indizji kollha jippuntaw lejn is-socjeta Eloise Ltd  li taghha l-appellat kien direttur .

Skond  l-espert  Henz Grerhare  d-dokumenti EL1 sa EL8 kienu maghmulin minn timbru wiehed u dok EL9 sa EL52 minn timbru iehor u ikkonkluda illi f’kull dokument illi gie moghti lilu ma kien hemm ebda “perfect match” mat-timbri illi ghaddewlu id-Dwana ta’ Malta. Illi hu sab li kien hemm diskrepanzi serji f’uhud minnhom . Il-konsegwenza ta’ dan hija li allura it-timbri  li jinstabu fuq dawn l-entries kienu foloz . Dan illum ma jidhirx li hu kontestat mill-appellat. Fil-fatt fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti meta gie mistoqsi jekk wara li sema l-espert ghandux xi dubbju jekk it-timbru huwiex falz jew le, hu wiegeb “Le m’ghandiex dubbji jien”. (ara fol 834). Hu kompla wiegeb: “Jiena ghalija dawk huma tieghi, l-ircevuti tieghi”.

Inoltre l-appellant jissottometti li l-ezami li ghamel l-espert germaniz hija kostatazzjoni ta’ fatt u  l-ewwel  Qorti ma kelliex tiskarta ghal kollox bhala inammissibbli ix-xiehda taghhom semplicement ghax kienx 'ex parte'.  Kull ma kellha taghmel il-Qorti kien taqbad it-transparancies tat-timbru u dak fuq l-invoice, tqeghdom fuq xulxin u tara li ma jaqblux.

Illi  li l-unika prova li d-difiza ta’ l-appellat qed tistrieh fuqha hi li d-dazju kien effettivament thallas ghax hemm it-timbru “received payment” fuq l-entries inkriminati, izda billi dawn it-timbri ma sarux bis-security stamps tad-Dwana wzati fil-periodu rilevanti , dawn ma jistghu qatt jaghmlu l-prova li sar il-hlas. Kif gie pruvat ebda wiehed mill-ammonti ndikati fuq l-entries relattivi bhala dazju jew levy li kellu jithallas,

ma jidher li ddahhal fil-cash books tad-Dipartiment f'dak il-periodu.

Jirrizulta li ebda wiehed mill-kaxxiera li kien jahdem fil-cash office fil-periodu in kwistjoni ma gharaf l-inizjali tieghu fost dawk l-inizjalijiet kollha li kien hemm fuq l-entries mat-timbru inkriminat.

Jigi rilevat ukoll li wara li tbiddlet il-procedura u giet issikkata aktar milli kienet qabel, ma jirrizulta li kien hemm ebda kaz iehor simili. L-appellat kien biddel is-sistema tieghu ta' hlas u ma baqax ihallas cash. Dawn l-fatti jkompli jsahhu il-konvinzjoni ta' din il-Qorti li dak li kien qed isir ma kienx gej minn xi abbuzz da parti tal-kaxxiera.

Jekk l-appellat kien jaf min kienu l-kaxxiera li suppost ghamlu dawn it-timbri u l-inizjali quddiemu u lill min hu suppost kien hallas , kien imiss lilu li jidentifikawhom sabiex umbaghad isiru l-kontrolli w l-investigazzjonijiet necessarji.

L-imputat xehed li hu kien jaghmel pagamenti in cash izda fix-xhieda tieghu ma kien qatt preciz jew jindika x'hallas ezatt fi granet partikolari w ghall-konsenji partikolari. Ix-xhieda tieghu kienet generika w bla ebda rabta ghal dak li jirrigwarda zmien u konsenji partikolari. Ma hemm ebda prova specifika li minnha jista' jigi pruvat li sar il-hlas ta' dazju u levy dovut fuq almenu konsenja wahda, dovuti fuq id-diversi entry forms li fuqhom hemm it-timbru "received payment". Ma giex spjegat kif fuq entry form wahda minnhom hemm id-data tal-gurnata tal-Hadd meta d-Dwana l-Hadd ma tiftahx. (Dok EL22 Vol 16 pagna 538).

L-appellant jistaqsi kif seta' l-appellat kellu dak il-cash kollu biex ihallas dazju li f'sena lahhaq il fuq minn LM 100,000 meta qed jghid li kellu problema ta' liquidity, ma setghax jissellef aktar flus mill-bank, u lanqas setgha jaghmel garanzija bankarja ta' LM 2000. L-ispejgazzjoni li tah l-appellat kif kien igib il-flus ma taghmilx sens.

L-appellat lanqas ma gab il-kotba tal-kummerc biex b'xi mod jissostanzja l-hlas li allegatament sar minnu u liema kotba suppost kellu jzomm skond il-ligi tal-Kummerc. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-printouts tal-computer ta' l-appellat li gew ezibiti kienu tajbin, u fihom ma jidhrux il-pagamenti li suppost saru. Mid-dokumenti li esebixxa l-appellat ma jirrizultax dawn l-entries fil-kotba tieghu.

L-appellat xehed li hu ma jafx jaqra l-kotba ta' l-accounts u lill accountant kien ighidlu li jkun hallas entry u dan kellu jiehu hsieb li jdahhalha fi ktieb l-ahmar. Dak iz-zmien kienu qed jaqilbu minn sistema manwali ghal-sistema tal-computer u skond l-appellat billi dak iz-zmien l-accountant izzewweg u nqala dana l-incident, sfratta trasferiment ta' l-informazzjoni ghall gol computer. Il-Qorti tirrileva li kien il-kompitu ta' l-appellat li jara li pagamenti li jlahhqu l-fuq minn LM 100,000 jidhlu fl-accounts. Mhux verosimili li hu ma qghadx jaghti kaz jekk dawn jidhlux jew le. Dawn l-entries fil-kotba ta' l-appellat suppost dahlu qabel ma l-pulizija bdew jinvestigaw lill appellat u mhux meta kienu qed jinvestigawh jew wara.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-appellat ma pprovax li sar i-hlas tad-dazju w levy in kwistjoni u dana skond il-piz tal-prova li titfa' fuqu il-ligi fl-artikolu 77 , al menu sal-grad tal-probabbilta' . Hu ma gab ebda prova, specifika u konkreta, tal-hlas ta' xi partita ndividwali minn dawk kollha li dwarhom gie mixli.

**Responsabilita' ta' direttur**

L-Interpretation Act tohloq prezunzjoni fil-konfront ta' diretturi w ufficjali ohra ta' socjeta' kummercjali li tkun hatja ta' reat , kemm il-darba ma jippruvawx li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghhom u li jkunu ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-eghmil tar-reat in kwistjoni.

Il-prova li trid issir hi li l-imputat kien jaf jew ma setax ma kienx jaf li l-oggetti li jkunu gew f'idejh kienu tan-natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi tal-Kap.37 . Mhux

koncepibbli, fid-dawl tal-konseiderazzjonijeit fuq maghmula, li l-appellat ma kienx jaf x’kien ghaddej ezatt, meta kien hu li kien l-uniku direttur fil-kumpanijna u li fis-stragrandi parti tal-kazijiet kien hu li jipprezenta l-entries id-dwana. Hu bhala managing director kien direttament responsabbili ghat-tmexxija tal-kumpanija u ma setghax ma kienx jaf x’kien ghaddej.

**Konkluzzjoni**

Fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal hawn fuq, u mill-ezami ta’ l-artikoli ndikati fin-Nota tal-Avukat Generali a fol-763/4 tal-process, jidher lii ma jirrizilutawx ic-cirkostanzi w l-elementi tar-reati taht l-artikolu 60 (a) u (b) u l-paragrafi (a) (b) (c) (e) u (h) tal-artikolu 62 tal-Kap.37, imma minn naha l-ohra jirrizulta l-ksur tal-ligi taht l-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap.37.

**Reati taht il-Kodici Kriminali**

L-appellat gie akkuzat taht sitt imputazzjonijiet . L-ewwel erba jaqghu taht il-Kodici Kriminali u ghalhekk mhiex applikabbli l-presunzjoni taht l-artikolu 77 tad Dwana, mentri fir-rigward tal-hames u sitt akkuzi l-ohra, japplika l-artikolu 77.

Illi ghar-rigward tal-akkuzi kontemplati fl-artikoli 183, 184 , 172 u 308 tal-Kodici Kriminali kontenuti fin-nota tal-Avukat Generali , hawn japplikaw ir-regoli generali tal-grad tal-prova li l-ligi timponi fuq il-prosekuzzjoni bla ma tisposta l-oneru tal-prova fuq l-appellat ad distinzjoni tal-ligi tad-Dwana fejn japplika l-artikolu 77 kif gja rajna.

L-artikolu 172 (1) tal-Kap.9 jirrigwarda l-kaz ta’ min jiffalsifika sigilli , timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw , jittimbraw , jimmarkaw , jawtentikaw jew jiccertifikaw f’isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu

dokumenti jew oggetti , sew jekk ta’ proprjeta’ pubblika jew privata , jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika .

Hawn ghandu jigi rilevat li dan ir-reat ma jirrigwardax il-falsifikazzjoni ta’ dokument imma l-falsifikazzjoni tat-timbru , sigill jew marka ohra innifisha, cioe’ ta’ minn attwalment jiffabbrika it-timbru falz . F’dan il-kaz ma saritx il-prova li l-att materjali tal-falsifikazzjoni sar mill-appellat.

Lanqas ma jirrizulta xi reat taht l-art. 172 (2) billi ma giex pruvat li l-att materjali tal-uzu tas-sigill , timbru jew marka falsifikata gie applikat fuq l-entry forms inkriminati mill-appellat . F’dan il-kaz l-akkuza mhux wahda ta’ uzu ta’ dokument falsifikat izda ta’ uzu ta’ timbru falsifikat u l-“actus reus” f’dan il-kaz jikkonsisti proprju fl-uzu xjenti tat-timbru falsifikat.

Illi ghar-rigward tal-imputazzjoni taht l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali li jirrigwarda l-akkuza ta’ falsifikazzjoni ta’atti pubblici, kummercjali jew ta’ bank privat minn persuna li ma tkun ufficjal pubbliku, jirrizulta li ma ngabitx prova konkreta li kien l-appellat li fil-fatt u materjalment wettaq l-att ta’ falsifikazzjoni tal-entries tad-dwana in kwistjoni billi applika jew ghamel fuqhom timbru falz “RECEIVED – PAYMENT” bin-numru falz . Fin-nuqqas ta’ dina l-prova din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

L-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali jipprovvdi li kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikolu ta’ qabel dan is-subartikolu, tehel, meta tinsab hatja, il-piena stabbilita ghall-awtur tal-falsifikazzjoni. Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-konsiderazzjonijet maghula aktar fuq li fiz-zmien in kwistjoni l-appellat kien qed jimporta oggetti u qed javvantaggja ruhhu billi johrog diversi konsenji bla ma fil-fatt kien qed ihallas id-dazju jew levy applikabbli ghalihom. Jirrizulta li dan il-vantagg kien qed jittiehed billi kien qed jitqieghedu timbri foloz fuq il-customs entry forms li juru li d-dazju jew il-levy kien thallas mentri fil-fatt ma kienx. Kien kwazi dejjem l-appellat li kellu x’jaqsam mal-

procedura tad-dwana u dan huwa kien jaghmlu regolarment. Il-provi indizzjarji li gabet il-prosekuzzjoni referiti aktar fuq, juru li l-appellat kien materjalment qed jaghmel uzu mill-entries falsifikati u jipprezentahom ghand ir-releasing officers biex johrog il-merkanzija.

Illi ghar-rigward tal-imputazzjoni ta' frodi b'eghmil qarrieqi prevvista fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, japplikaw bl-istess mod l-konsiderazzjonijiet li nsibu aktar fuq . Ghalhekk l-appellat ghandhu jinstab hati ta' dan ir-reat ukoll.

Fin-nota ta' l-Avukat Generali l-imputat/appellat gie wkoll akkuzat taht l-artikolu Artikoli 7(1) u 12(1) tal-Kap 336 dwar Promozzjoni ta' Prodotti Lokali.

Fl-artikolu 7(1) hemm provvdut li kull min ikun hati ta' reat kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 18 jew ta' xi wiehed mill-paragrafi (a) sa (k) jew il-paragrafu (m) ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza dwar xi oggetti li huma suggetti ghal imposta skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ikun, b'zieda ma' kull responsabilita' ohra that l-Ordinanza jew xi ligi ohra, hati ta' reat kontra dan l-Att u meta jinsab hati jista' jehel multa ta' mhux inqas minnn LM 500 u mhux izjed minn LM 5000 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien.

L-artikolu 12(1) jitkellem dwar kif ghandhom jittiehdu l-procedimenti kriminali.

Fil-kaz in ezami, kif gja rajna, irrizulta li kien hemm ksur tal-ligi kontemplat fl-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap.37 ghalhekk l-appellat qed jinsab hati ukoll ta' dawn l-akkuzi that il-Kap 336.

**KONKLUZZJONII**

Illi ghalhekk jirrizulta pruvat li l-entries in kwistjoni tas-socjeta ta' l-appellat kellhom timbri foloz .

Ma giex pruvat mill-appellat li id-dazju dovut fuq l-imsemmija entries thallas,

Minkejja dana l-merkanzija indikata fl-imsemmija entries xorta wahda giet rilaxxjata lis-socjeta ta’ l-appellat.

L-appellat kien l-unika persuna responsabbli ghal dak kollu li kellu x’jaqsam ma’ procedura fid-Dwana, u ghalhekk ma setghax ma kienx jaf x’qed isir fis-socjeta’ tieghu, li kienet pjenament u direttament amministrata minnu.

Fid-dawl ta dan kollu u bil-provi kollha li kellha quddiema l-Ewwel Qorti, din ma setghetx logikament , legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk id-decizjoni taghha qed tigi revokata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi:

Tikkonferma is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti in kwantu illiberat lill appellat mill-akkuzi taht l-artikoli 60 (a) (b) , 62 (a)(b)(c)(e) u (h) tal-Kap.37 , minn dawk li jaqghu taht l-artikoli 172 u 183 tal-Kodici Kriminali (Kap.9);

u tirrevokha in kwantu ma sabitux hati w illiberatu mill-akkuzi li jaqghu taht l-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap.37 u Artikoli 7(1) u 12(1) tal-Kap 336 u taht l-artikoli 184 u 308 tal-Kodici Kriminali;

U, wara li rat l-artikoli 62 (f)(g)(i)(k) u (m) u 77 tal-Kap.37 u Artikoli 7(1) u 12(1) tal-Kap 336 u l-artikoli 184, 308 , *14 ,17, 18, 19, 28A,* tal-Kap.9.

**Tikkunndanna** lil appellat ghall-ksur tal-ligi kontemplat fl-akkuzi li jaqghu taht l-artikoli 184 u 308 tal-Kap.9 u 7(1) tal-Kap 336 ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn b’dana li s-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk

matul il-periodu ta’ erba snin mill-lum il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija;

Kif ukoll **tikkundannah** ghall-htija tieghu taht l-artikolu 62 tal-Kap.37 u ta l-artikolu 7(1) Kap 336 ghall-hlas ta’ multa ta’ (Lm62,171.20) , import ta’ l-ammont tad-dazju dovut, (Lm44,432.95) bhala levy u d-doppju tal-valur tal-oggetti (Lm191,675.40.5 X 2) = b’kollox erba’ mija disgha u tmenin elf disa’ mija u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu **(Lm489,954.95).**

taghti lill-appellat li jhallas l-ammont imsemmi minnu dovut fi zmien (36) xahar f’ rati mensili pagabbli kull l-ahhar tax-xahar b’dana illi jekk ma jsirx hlas ta’ xi wahda mir-rati , l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u jekk ma jithallasx, il-multa tigi konvertita fi prigunerija skond il-ligi skond l-ammont li jkun ghadu dovut.

L-appellat ghandu jhallas terz ta’ l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal hatra tal-periti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------